**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 117 – IT-TNEJN, 28 TA' FRAR 2019 FIS-6.00PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| | |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 116**

1.1 Kien hemm korrezzjoni waħda. Għandu jidħol punt fejn is-Sinjura Joan Farrugia qalet li dan il-proġett ilu mwiegħed mis-sena 2009.

**2 Punti mtella mill-Minuti 116**

2.1 Dwar punt 5.19.2, is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Segretarju Parlamentari kellem lis-Sindku u għandu jtih risposta sat-2 ta' Marzu 2019. Għandna nistennew sa dik id-data qabel ma nimxu fuq dawn ix-xogħlijiet

**3 Pagamenti Numru 103**

3.1 Is Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinura Joan Farrugia isekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Kien hemm diskussjoni dwar appell li ser isir mill-Kunsill tas-Swieqi rigward approvazzjoni tal-iżvilupp tal-Halland Hotel f''Wied Għomor. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill ta' San Ġwann jidħol f'dan l-appell u jikkontribwixxi 500 Ewro bħala spejjeż.

4.2 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill idaħħal servizz tal-internet ġdid fil-librerija. Dan għandu jservi lil-librara tal-Kunsill kif ukoll bħala wifi għal min ikun fil-librerija. Kien hemm qbil unanimu

4.3 Kien hemm qbil li jsiru żewġ banjijiet fil-bitħa tal-librerija.

4.4 Kien hemm diskussjoni dwar il-ħsarat li saru waqt il-maltemp li kien hemm fl-24 ta' Frar 2019. Kien hemm qbil dwar l-ispejjeż li hemm bżonn isiru biex jitneħħa kull periklu fit-toroq jew ġonna.

4.5 Kien hemm diskussoni dwar kwotazzjonijiet dwar xogħlijiet fi Ġnien Karin Grech, biex isiru bandli ġodda u manutenzjoni ġenerali tal-ġnien. Għandhom jinġabru aktar kwotazzjonijiet u terġa' tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss. Is-Sinjura Joan Farrugia fakkret li ghandhom jingabru tliet kwotazzjonijiet.

**5 Korrispondenza**

5.1 Ġiet innutata Ċirkulari SPI 3/2019, fond għaż-żamma u l-manutenzjoni ta' proġetti infrastrutturali maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali.

5.2 Kien hemm qbil li jibdew il-Keep Fit classes. Dawn ser jingħataw bla ħlas lir-residenti. Il-Kunsill għandu biss iħallas lill-cleaner tal-iskola għat-tindif.

5.3 Kien hemm qbil li tinħareġ No Objection għat-talba tal-Għaqda Festa Esterna biex isiru toqob għall-arbli ġodda, kif ukoll qbil li jitħallsu xi spejjeż oħra.

5.4 Ġie innutat li r-Reġjun ser joħroġ ktieb dwar il-lokalitajiet li jinsabu fiċ-Ċentru.

**6 Affarjiet oħra**

6.1 Is-Sinura Marica Bayliss staqsiet dwar it-tender tal-Community Centre. Infurmat ukoll li qed taħdem biex ikun hemm karozza, għal-lokal u forsi sponsor għall-anzjani u n-nies bi bżonnijiet speċjali jitwasslu f'San Ġwann.

6.2 Is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li l-lukanda l-ġdida fi Triq Wied Għollieqa għamlet barrier fit-triq. Ippropona ukoll biex isiru 4 information stands madwar l-erba' kappelli fil-lokal. Kien hemm qbil li dawn isiru.

6.3 Is-Sinjura Joan Farrugia staqsiet dwar it-taraġ ta' Misraħ Lewża. Is-Sindku rrisponda li ltaqa' maċ-Chairman tal-Awtorità tad-Djar u li għandhom jagħmlu support taħt sakemm tiġi stabbilita min hu responsabbli. Hi tkellmet ukoll dwar xi bozoz mitfija f'Misraħ Lewża. Għandha tistaqsi lil xi residenti fi Triq J F Marks l-possibbiltà li teħel bozza ġdida ma' xi bini, bozza li kienet tneħħiet minħabba xogħlijet.

6.4 Is-Sur Neville Mallia tkellem dwar il-Bus Stop li hemm f'Ta Żwejt. Il-Kunsill ġie nfurmat li saret applikazzjoni mal-FACES biex dawn jinbidlu.

**7 Għeluq il-Laqgħa**

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.10pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 18 ta' Marzu 2019 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Etienne Bonello Du Puis** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |